S 52
PA

15 ta' Frar 2018

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
15 FEB 2018
St FRANCIS RITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/09411/17* |
| *Lokazzjoni:* | *14, Triq il-Kajjik, Marsaxlokk* |
| *Proposta:* | *Extension of three floors on existing first floor maisonette* |

*Ref. Tribunal:*

**Dr Klaus Frey** u **Marlene Bonnici**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar u Marco Carabott**

Rikors għas-sospensjoni tal-Appellanti Dr Klaus Frey u s-Sin. Marlene Bonnici Jesponu bir-rispett:-

1.1 Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors, l-appellanti ppreżentaw rikors ta' appell rigwardanti d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni numru PA 09411/17 ppubblikata fil-31 ta' Jannar 2018.

1.2 Illi fir-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti ssottomettew, *inter alia*, li l-iżvilupp propost fil-pjanti kif approvati 35a, 42a u 42b ser ikun qiegħed iċaħħadhom mid-dritt tagħhom li jirrevertu u jikkonvertu l-klinika tagħhom f'residenza, liema klinika tagħhom tinsab fil-ground floor tas-sit inkwistjoni. Dan minħabba li l-estensjoni tal-binja proposta fil-livell tat-*third floor level* fuq in-naħa ta' wara hija indikata li ser tkun twassal sa għoli ta' iktar minn 10.1 metri mill-qatran tal-ground floor level u ġiet indikata li tasal sal-istess fond (*depth*) tal-livell sottostanti u, allura, dan ser ikun qed jipprekludi lill-appellanti, bħala l-proprjetarji tal-fond fil-*ground floor level* milli jerġgħu jirrevertu l-

klinika tagħhom lura f'residenza peress li l-bitħa tal-proprjetà tal-appellanti hija fonda 3.04 metri. Dan ifisser ukoll li bl-iżvilupp propost, il-bitħa li kienet saret mill-appellanti skont il-liġi ser tiġi reża ineffettiva u insuffiċjenti għall-fini ta' reverżjoni tal-klinika lura f'residenza. Dan b'riferiment għar-Regolament 16(1) (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.22).

1.3 Illi jekk l-applikant jipproċedi bl-eżekuzzjoni tal-permess, l-iżvilupp ma jkunx jista' jiġi faċilment imneħħi jew imqiegħed lura, u għalhekk min-naħa tagħhom r-rikorrenti jiġu ppreġudikati kif fuq ingħad;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti filwaqt li jagħmlu riferiment għar-rikors ta' appell tagħhom li huma ppreżentaw kontestwalment, jitolbu umilment sabiex għar-raġunijiet fuq imsemmija dan it-Tribunal jissospendi permezz ta' deċiżjoni parzjali l-eżekuzzjoni tal-permess PA 09411/17 sakemm tingħata deċiżjoni mit-Tribunal fuq l-appell minnhom imressaq u dan ai termini tal-Artikolu 33 tal-Kap 551 tal-Liġijiet ta' Malta u taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

**Av. Mark Portelli**
**99, Archbishop Street, Valletta**
**mark@pnpadvocates.com**

Rikorrenti: 16, Kajjik Str, Marsaxlokk